MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH R. MICALLEF**

Seduta ta' l-1 ta' Gunju, 2011

Citazzjoni Numru. 1259/2010

Constantine **MALLIA,** f'ismu proprju u bhala mandatarju specjali tal-assenti Paul Mallia, Angela Mallia, Walter Mallia, Josephine Sammut u Victoria Mallia

vs

**CAKE MASTERS LIMITED (C-23518)** u Emanuel Darmanin

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors Mahluf imressaq bil-procedura sommarja specjali fis-6 ta' Dicembru, 2010, li bih ir-rikorrenti, ghar-ragunijiet hemm imfissra talbu a) li din il-Qorti taqta' l-kawza minghajr smigh ghall-finijiet tal-artikoli 167 sa' 170 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta; u b) li l-Qorti tikkundanna lill-imharrkin, solidament bejniethom, biex ihallsuhom is-

somma ta' tnejn u ghoxrin elf, disa' mija u tlieta u erbghin ewro u sebghin centezmi (€22,943.70) li tirrapprezenta arretrati ta' kera tal-fond numru tmintax (18), Triq il-Kostituzzjoni, Mosta, ghas-snin 2008 u 2009, kif imfisser fil-Prospett imressaq mal-istess Rikors Mahluf bhala Dok "C";

Talbu wkoll il-hlas tal-imghax legali u l-ispejjez;

Rat illi l-atti tar-Rikors gew debitament notifikati lill-intimati ghall-finijiet tal-artikoli 187(5) u 187(3) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta li naqsu li jidhru meta ssejhet il-kawza;

Rat id-degriet taghha tal-lum stess li bih cahdet it-talba tal-Avukat imqabbad mill-intimati li jithalla jikkontesta l-kawza billi ma tahiex raguni tajba biex thallih jaghmel dan;

Semghet l-Avukat tal-atturi jiddikjara li l-ebda parti mis-somma msemmija fir-Rikors Mahluf ma thallset;

Ezaminat l-atti tar-Rikors Mahluf;

Billi mill-provi mhux kontradetti, it-talbiet dedotti fir-Rikors Mahluf jirrizultaw pruvati;

Fil-kontumacja tal-intimati tiddeciedi billi:

1) **Tilqa' l-ewwel talba tal-atturi** u taqta' l-kawza minghajr smigh;

2) **Tilqa' t-tieni talba** u tikkundanna lill-imharrkin flimkien u solidament bejniethom biex ihallsu lill-atturi s-somma ta' tnejn u ghoxrin elf, disa' mija u tlieta u erbghin ewro u sebghin centezmi (€22,943.70) rapprezentanti arretrati ta' kera kif fuq inghad, flimkien mal-imghaxijiet legali fuq l-imsemmija somma b'sehh mill-20 ta' Mejju, 2011, sal-jum tal-hlas effettiv;

3) **Tikkundanna** lill-imharrkin ihallsu **l-ispejjez tal-kawza**.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------